

32004D0301

2.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 98/55

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Marzu 2004

li tidderoga mid-Deċiżjonijiet Nru 2003/803/KE u 2004/203/KE rigward il-format taċ-ċertifikati u l-passaporti għall-moviment mhux għal skopijiet kummerċjali tal-klieb, qtates u inmsa u li temenda d-Deċiżjoni Nru 2004/203/KE

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 1068)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/301/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-moviment mhux għal skopijiet kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 92/65/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(4) u 21 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jstabbilixxi l-kondizzjonijiet veterinarji li japplikaw għall-moviment ta' klieb, qtates u inms domestiċi.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2003/803/KE⁽²⁾ tistabbilixxi passaport mudell għall-moviment mhux għal skopijiet kummerċjali ta' annimali ta' dawk l-ispeċi bejn Stati Membri, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/203/KE⁽³⁾ li tistabbilixxi ċertifikat mudell għall-moviment mhux għal skopijiet kummerċjali minn pajjiżi terzi.
- (3) Mit-3 ta' Lulju 2004 id-dokumenti li jikkonformaw ma' dawk il-mudelli għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli.
- (4) Sabiex tkun faċilitata t-transizzjoni għall-arranġamenti tar-Regolament (KE) Nru 998/2003, iċ-ċertifikati li jkunu nħarġu għad-dħul fi Stat Membru qabel ma jibda japplika dak ir-Regolament, għandhom jitqiesu bħala validi sad-data ta' l-għeluq tagħhom jekk jaderixxu mal-kondizzjonijiet stabbiliti b'dak ir-Regolament.
- (5) Madankollu, fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika ta' Stati Membri mniżżlin fl-Anness II, parti A, ikun approprjat jekk matul dan il-perjodu ta' transizzjoni jinżammu l-kondizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-aċċettazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' l-idrofobija (rabja).
- (6) Huwa wkoll xieraq li jiġu rikonnoxxuti bħala validi t-titrazzjonijiet ta' l-antikorpi magħmula fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu applikabbli qabel ma ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/296/KE

tad-29 ta' Marzu 2001 li tawtorizza l-laboratorji li jikkontrollaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjon kontra l-idrofobija f'ċerti karnivori domestiċi⁽⁴⁾.

- (7) Barra dan, meta titqies it-talba ta' ċerti pajjiżi terzi, il-passaport mudell stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2003/803/KE għaċ-ċaqliq ġewwa l-Komunità għal skopijiet mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa għandu jkun rikonnoxxut bħala validu għaċ-ċaqliq għal skopijiet mhux kummerċjali ta' annimali ta' dawk l-ispeċi minn pajjiżi terzi mniżżlin fit-taqsima 2 tal-parti B ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 bħala alternattiva għaċ-ċertifikati validi għall-moviment minn pajjiżi terzi.
- (8) Billi r-Regolament (KE) Nru 998/2003 jibda jgħodd mit-3 ta' Lulju 2004, din id-Deċiżjoni għandha tibda tgħodd mill-istess data.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Bħala deroga mid-Deċiżjonijiet Nru 2003/803/KE u Nru 2004/203/KE, u fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' l-idrofobija, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw iċ-ċaqliq għal skopijiet mhux kummerċjali bejn l-Istati Membri u minn pajjiżi terzi ta' klieb, qtates u inmsa akkompjanati b'ċertifikat f'format differenti mill-mudelli stabbiliti minn dawk id-Deċiżjonijiet bil-kondizzjoni li jkun jissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) li jkun ħareġ qabel it-3 ta' Lulju 2004;
- (b) illi l-perjodu ta' validità ma jkunx għadu skada; u
- (ċ) jiċċertifika konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 998/2003.

Madankollu, ir-Renju Unit, l-Irlanda u l-Isvezja jistgħu jżommu l-kondizzjonijiet nazzjonali applikabbli qabel it-3 ta' Lulju 2004 għall-aċċettazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' l-idrofobija.

⁽¹⁾ ĠU L 146, tat-13.6.3, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 312, tas-27.11.3, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 65, tat-3.3.4, p. 13.⁽⁴⁾ ĠU L 102, tat-12.4.1, p. 58.

L-Artikolu 2

It-titrazzjonijiet ta' l-antikorpi magħmula fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 2001/296/KE li tistabbilixxi lista ta' laboratorji awtorizzati li jwettqu dan it-test, jiġu kkunsidrati bħala validi.

L-Artikolu 3

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 2004/203/KE jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi ċ-ċertifikat mudell għall-moviment għal skopijiet mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-klieb, qtates u inmsa, li hemm previst fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

Dan iċ-ċertifikat ikun meħtieġ għad-dħul mill-pajjiżi terzi kollha ġewwa Stat Mambro barra l-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Init u għad-dħul fl-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Unit minn pajjiżi terzi mniżżlin fit-taqsim 2 tal-parti B u l-parti Ċ ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

2. B'deroga minn paragrafu 1, L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-moviment għal skopijiet mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa akkompanjati b'passaport skond il-mudell stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2003/803/KE minn dawk il-pajjiżi terzi mniżżlin fit-taqsim 2 tal-parti B ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 li jkunu avżaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-intenzjoni tagħhom li jużaw il-passaport minflok iċ-ċertifikat."

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mit-3 ta' Lulju 2004.

L-Artikolu 5

Dan id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membro tal-Kummissjoni